MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 113/1988/1

**Spiridione sive Spiro Muscat**

**vs**

**George Falzon**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi bi skrittura privata tal-20 ta' Mejju 1986 (Dok. A) il-konvenut intrabat li jbiegh lill-attur, li intrabat li jixtri l-Bus Numru Y-0061(M) bil-prezz u l-pattijiet indikati fl-istess skrittura privata, fosthom li l-konvenut jaghti x-xoghol lill-attur, ta' bus sakemm tithallas is-somma u l-imghaxijiet, u l-prezz kellu jithallas bil-Lm100 kull hmistax-il gurnata, liema prezz kien jithallas billi l-konvenut jithallas direttament mil-Public Transport Association ghal xoghol li

l-attur kien jaghmel lill-istess assocjazzjoni bl-imsemmija bus.

Illi l-imsemmija bus li kienet fil-pussess tal-attur u jahdem biha, grala l-hsara u l-konvenut ikkonsenja certi pagamenti li hu irceva mill-imsemmija assocjazzjoni lill-attur biex dan jkun jista' jirranga l-hsara fl-imsemmija bus u jkompli jahdem biha.

Illi l-konvenut arbitrarjament, abusivament u illegalment iddecieda li l-attur huwa morus fil-pagamenti akkonti u ghalhekk ha l-bus mill-pussess tal-attur.

Illi b'dan l-agir il-konvenut ikkaguna danni lill-attur kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat li jimmetti fil-pussess lill-attur tal-imsemmija bus numru Y-0061(M) u ghal dan l-ghan jigi kundannat biex fi zmien qasir u perentorju jikkonsenja l-imsemmija bus lill-attur; (2) li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kollha ga sofferti u li ghad jigu sofferti mill-attur minhabba l-agir arbitrarju, illegali u abusiv tieghu kif spjegat meta ha l-bus mill-pussess tal-attur; (3) li jigu likwidati d-danni dawn id-danni sofferti mill-attur jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi; u (4) li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inklusi dawk tal-ittra tal-15 ta' Dicembru 1987, dawk tal-ittra ufficjali ta' Jannar 1988 u tal-Mandat ta' Sekwestru tas-27 ta' Jannar 1988 kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni, u bl-imghax legali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur dwbitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament din il-Qorti hija inkompetenti ratione materiae peress illi l-att huwa wiehed tal-kummerc u in oltre l-konvenut huwa negozzjant.

2. Illi fit-tieni lok l-attur iffirma ghall-skrittura fejn kien intrabat li jekk ma jhallas certi pagamenti kellu jirritorna l-vettura imsemmija.

3. Illi fit-tielet lok l-attur ikkonsenja dan it-truck volontarjament u wara li l-partijiet waslu ghal ftehim bonarju.

4. Illi fir-raba lok ghalhekk it-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes ghall-attur.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut skond il-ligi, debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat id-dikriet tal-17 ta'Marzu 1988 ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) li bih gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jigbor il-provi kollha.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-5 ta' Ottubru 2005 li biha l-kawza giet deciza parzjalment billi gew michuda l-eccezzjonijiet tal-konvenut u gew milqugha l-ewwel u t-tieni talba tal-atturu konsegwentement il-konvenut gie kkundannat biex fi zmien 48 siegha jimmetti lill-attur fil-pussess tal-bus numru ta' registrazzjoni Y-0061(M) u fin-nuqqas taht il-komminazzjonijiet applikabbli f'kaz ta' dusprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kontemplati fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) u l-konvenut gie dikjarat li hu responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur, Danni konsekwenzjali ghall-agir abuziv u llegali tieghu. Il-konvenut gie kkundannat ukol ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza, Sussegwentement il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni fuq it-tielet u r-raba talbiet tal-attur.

Rat li l-konvenut hass ruhu aggravate b'dinis-sentenza u interpona appell minnha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta’ Novembru 1994 li biha l-imsemmija sentenza tal-5 ta’ Ottubru 1992 giet annullata u l-atti gew rimessi lil din il-Qorti biex il-kawza titkompla skond il-ligi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-imsemmi Assistent Gudizzjarju.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-30 ta’ Marzu 1995 li biha il-kawza gietdeciza parzjalment bl-istess mod kif kieet giet deciza bl-imsemmija sentenza tal-5 ta’ Ottubru 1992.

Il-konvenut rega hassu aggravat bl-imsemmija sentenza tat-30 ta’ Marzu 1995 u interpona appell minnha quddiem il-Qorti kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta’ Novembru 1997 li biha giue revokat id-dikriet tal-ewwel Qorti tas-7 ta’ Marzu 1995 li bih giet michuda t-talba tal-konvenut biex jippresenta nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri u minflok l-istess talba giet akkolta, filwaqt li kontestwalment giet revokata l-imsemmija sentenza tat-30 ta’ Marzu 1995 in kwantu li ma setghetx tibqa ferma in vista tad-decizjoni dwar id-dikriet tas-7 ta’ Marzu 1995. L-atti regghu gew rimessi lil din il-Qorti ghal kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn gie eccepit li huwa qatt ma kien possessor jew proprjetarju tal-vettura numru Y-0061(M) u lanqas ma jezisti dan in-numru.

Semghat lill-attur u x-xhieda minnu prodotti.

Rat in-nota ta’ sotomissjonijiet tal-attur.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Konsiderazzjonijiet ta' fatt**

Bi skrittura privata tal-20 ta' Mejju 1986 (Dok. A, fol 5) il-konvenut George Falzon intrabat li jbiegh lill-attur Spiridione Muscat, li intrabat li jixtri l-Bus Numru Y-0061 (M).

Skond il-pattijiet miftehma bejn il-partijiet fl-istess skrittura il-konvenut George Falzon kellu jghaddi lill-attur Spiridione Muscat, ix-xoghol tal-bus. Il-prezz kellu jithallas bil-Lm100 kull hmistax-il gurnata, liema prezz kellu jithallas billi l-konvenut George Falzon kien jithallas direttament mill-Public Transport Association ghal xoghol li kien effettivament qed jaghmel l-attur ghall-imsemmija assocjazzjoni bil-vettura in kwestjoni.

Jidher li l-vettura, li kienet fil-pussess tal-attur u li kien jahdem biha, gralha l-hsara u l-konvenut Falzon ta' xi pagamenti li rceva mill-assocjazzjoni lill-attur Muscat sabiex tkun tista tigi msewwijha l-istess hsara u dan jkun jista' jirrangha u b'hekk il-vettura tkun tista terga tibda tahdem. F'certu stadju, pero', il-konvenut iddecieda li l-attur Muscat kien moruż fil-pagamenti akkont u ghalhekk qabad u ha l-vettura minnghand l-istess attur.

L-attur isostni li dan l-agir tal-konvenut jammonta ghal spoll u li gew kkawzati lilu mill-konvenut danni. Bil-presenti proceduri l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat li jimmettih fil-pussess tal-imsemmija bus numru Y-0061(M) u li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur minhabba l-agir arbitrarju, illegali u abusiv tal-konvenut u partikolarment meta l-istes konvenut qabad u ha l-bus minnghand l-attur.

Illi da parte tiegħu il-konvenut eċċepixxa illi preliminarjament din il-Qorti hija inkompetenti ratione materiae peress illi l-att huwa wiehed tal-kummerc u in oltre l-konvenut huwa negozzjant. Illi fit-tieni lok eċepixxa illi l-attur iffirma ghall-skrittura fejn kien intrabat li jekk ma

jhallas certi pagamenti kellu jirritorna l-vettura imsemmija. Illi fit-tielet lok eċepixxa illi l-attur ikkonsenja dan it-truck volontarjament u wara li l-partijiet waslu ghal ftehim bonarju. Illi fir-raba lok eċepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur.

B'sentenza tat-30 ta' Marzu 1995, (Vol 1) din il-Qorti (diversament presjeduta) cahdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u laqgħat l-ewwel u t-tieni talba tal-attur u ddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni fuq it-tielet u r-raba talba tal-attur. Il-Qorti inoltre cahdet talba tal-konvenut biex jigi awtorizzat jippresenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri u dan b'dikriet tas-7 ta' Marzu 1995.

Il-konvenut hassu aggravat bl-imsemmija decizjonijiet u interpona appell minnhom quddiem il-Qorti kompetenti. Il-Qorti tal-Appell b'sentenza taghha irrevokat l-imsemmi dikriet li ċaħad it-talba għall-permess illi tiġi ppreżentata n-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri u bħala konsegwenza ħassret ukoll fl-intier taghha l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta).

**Konsiderazzjonijiet ta' ligi**

L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut u ċioe illi din il-Qorti hi inkompetenti "ratione materiae" peress illi l-att huwa wiehed tal-kummerc u in oltre l-konvenut huwa negozzjant, illum hi sorvolata minhabba emendi fil-ligi. Hi ukoll sorvolata bis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-30 ta Marzu 1995. Bazikament din hi azzjoni ta' spoll u dan gie ukoll accettat miz-zewg partijiet kif jirrizulta minn noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom.

Stante li hu rikonoxxut li din hi azzjoni ta' spoll, l-attur ghandu jipprova s-segwenti elementi necessarji u cioe' 1) il-pussess jew id-detenzjoni fattwali; 2) il-vjolazzjoni klandestina ta' dan il-pussess u 3) l-azzjoni trid tiġi proposta fi żmien xahrejn minn meta sehhet il-vjolazzjoni.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak kollu li gie ritenut fis-sentenza tat-3 ta' Dicembru, 2010, moghtija mill-Qorti tal-Apell Civili (numru 1230/2008/1), fl-ismijiet "Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited vs Alexandra Balzan Ruggier et." A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti mhux ser tirrepeti dak li gie ritenut f'din is-sentenza fir-rigward kemm tan-natura tal-"actio spolii" u tal-imsemmija elementi meħtieġa sabiex tali azzjoni tirnexxi. L-insenjamenti li johorgu mill-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell ser jigu aplikati ghall-presenti.

Fl-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut (fol.105) gie eccepit li hu qatt ma kien possessur jew proprjetarju tal-vettura numru Y-0061(M) indikata mill-attur fic-citazzjoni u lanqas ma jeżisti dan in-numru. In effett l-attur talab fic-citazzjoni li jinghata lura l-pussess tal-Bus Numru Y-0061(M).

Fil-kors tal-kawza l-attur talab (rikors a fol.192) korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni rigwardanti n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura in kwestjoni u cioe' li fic-citazzjoni jigi jaqra BDY-661 u mhux Y-0061. Il-konvenut oppona din it-talba.

Hemm konfuzjoni shiha fir-rigward tan-numru ta' registrazzjoni tal-vettura, li hi l-meritu ta' din l-azzjoni u li s-suggett tal-imsemmija skrittura privata li hi a bazi tal-azzjoni presenti. Hu vitali ghal-finijiet tal-ewwel element necessarju biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll li jigi ppruvat liema vettura kienet fil-pussess tal-attur. L-uniku mod kif dan jista jigi stabbilit hu permezz tan-numru ta' registrazzjoni. Mill-provi prodotti ma jirrizultax, b'mod car, liema kien in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura in kwestjonni f'dawn il-proceduri

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li l-vettura mertu ta' dawn il-proceduri hi l-bus numru Y-0061. Fil-kors tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 1999 (fol.198) l-attur iddikjara illi n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura in kwistjoni kien tbiddel u sar Fil-kors tal-kawza l-attur talab (rikors a fol.192) korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni rigwardanti n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura in kwestjoni u cioe' li fic-citazzjoni jigi jaqra BDY-661 u mhux Y-0061. Il-konvenut oppona din it-talba. F'dan

ir-rigward gie prodott mill-attur biex jixhed rappresentant tal-uffiċċju tar-reġistrazzjoni tal-vetturi.

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2000 (fol.203) xehed dan ir-rappreżentant tal-Liċenzji dwar in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura mertu tal-kawża. Ix-xhud Brian Farrugia ddepona tlett darbiet u f'kull seduta ta versjoni differenti dwar l-imsemmi numru. Fl-imsemmija seduta x-xhud ikkonferma illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni Y-0061 f'dak iz-zmien kien sar BTY 061. L-istess xhud kompla jghid li l-vettura Y-0061 hi vettura tat-tip Taxi Mercedes Benz ta' lewn abjad, u mhux xarabank bħalma suppost hi l-vettura mertu tal-kawża. L-istess xhud rega gie prodott biex jixhed (fol.209). Din id-darba x-xhud gie mitlub biex jaghti tgharif dwar xarabank FBY-661. Ix-xhud qal li l-imsemmija vettura hi tat-tip ta' xarabank u hi rreġistrata fuq ċertu Elvis Falzon bin Ġorg Falzon. Huwa kompla jghid li preċedentement din ix-xarabank kellha n-numru ta registrazzjoni Y-0857.

L-istess xhud gie prodott ghat-tielet darba mill-attur u fil-kors tas-seduta tas-7 ta' Jannar 2002 (fol.217), ix-xhud ikkonferma illi l-vettura l-ewwel kellha n-numru Y-0857, imbagħad in-numru Y-0661 u illum dan sar FBY-661.

Ghalhekk jirrizulta li n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura in kwestjoni ghall-ewwel gie moghti mill-attur bhala l-bus numru Y-0061 u suusegwentement gie ddikjarat mill-istess attur li l-istess numru kien sar BDY-665.

Ix-xhud prodott mil-attur, rappresentant tal-uffiċċju tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, ghall-ewwel ikkonferma li l-vettura li dak iz-zmien kellha n-numru ta registrazzjoni BTY-061 originarjament kellha n-numru ta' reġistrazzjoni Y-0061 cioe' l-vettura indikata mill-attur fic-citazzjoni tieghu. Sorprendentement gie ukoll konfermat li l-vettura indikata fic-citazzjoni ma kienitx xarabank izda kienet taxi tal-marka Mercedes Benz. L-istess xhud sussegwentement ikkonferma li x-xarabank numru ta' registrazzjoni FBY-661 originarjament kellha n-numru ta'

registrazzjoni Y-0857 u kienet registrata fuq bin il-konvenut. Ix-xhud ikkonferma ukoll illi l-vettura li kellha n-numru ta’ registrazzjoni Y-0857 sussegwentement dan in-numru sar Y-0661 u u wara rega sar FBY-661.

Minn dan kollu jidher li effettivament il-vettura indikata bhala li kellha n-numru ta’ registrazzjoni Y-0061 hi inesistenti. F’dan ir-rigward jista jinghad li mill-provi jirrizulta li l-vettura li kellha n-numru ta’ registrazzjoni Y-0857, sussegwentement in-numru tbiddel u sar Y-0661 u issa sar FBY-661. Ghalhekk ma giex stabbilit b’mod sufficjenti li l-attur kien xi darba possessur tax-xarabank bin-numru ta registrazzjoni Y-0061. F’dan l-istadju jista jerga jigi ribadit li l-attur fic-citazzjoni jirreferi ghall-“bus Y-0061.” Din l-istess xarabank tissemma fl-iskrittura li tinsab esibita fol.5 u inoltre l-attur qed jitlob li jigi immess fil-pussess tal-vettura bl-istess numru.

Jidher li dak li qed jeccepixxi l-konvenut fl-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu hu minnu u cioe’ li huwa qatt ma kien possessur jew proprjetarju tal-vettura bin-numru Y-0061, li lanqas biss jeżisti l-imsemmi numru ta’ registrazzjoni. Jista jinghad li dak li qed jallega l-konvenut fl-eccezzjoni ulterjuri tieghu hu konfermat minn dak li xehed ix-xhud Brian Farrugia cioe’ r-rappresentant tal-Ufficju tar-Registrazzjoni tal-Licenzji. L-imsemmi xhud ikonferma li l-vettura imsemmija fic-citazzjoni in efett hi Taxi bajda tat-tip Mercedes Benz u mhux xarabank, kif qed jippretendi l-attur.

Jista jkun li l-attur ghamel zball meta indika n-numru ta’ registrazzjoni tal-vettura in kwestjoni. Dan pero’ ma jistax jitqies li hu zball sempliċi ta’ fatt. Tali zball seta jigi evitat b’verifika qabel ma giet presentata c-citazzjoni. Ghal kuntrarju l-izball ghandu jitqies li hu ta’ ċertu portata stante li fic-citazzjoni l-atur jippremetti li kellu l-pussess tal-vettura tat-tip xarabank Y-0061, mentri jidher li din il-vettura kienet Taxi. Kwindi l-atur ma rnexxielux jipprova sufficjentement li huwa kellu l-pussess tax-xarabank mertu tal-kawża. Konswegwentament hu nieqes l-element tal-pussess li hu neccessarju li jigi pprivat ghall-“actio spolii.” Konsegwentent lanqas ma jirrizulta li l-attur ġie

spoljat mill-pussess tal-vettura in kwestjoni kif fil-fatt qed jallega. Definittivament il-pussess għandu jiġi ppruvat mill-attur f'kawża ta' spoll, għaliex, jigi ribadit, li dan huwa proprju wieħed mit-tlett elementi essenzjali ta' kawża ta spoll (kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq ċitata). Ghalhekk l-attur ma ippruvax b'mod sodisfacjenti li ġie spoljat mill-pussess ta' xarabank Y-0061, li jidher li in effett hi vettura ta' tip iehor u mhux bus.

Hu ovvju li n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura in kwestjoni hu importanti stante li l-istess numru jintuża proprju sabiex tiġi identifikata l-vettura. Inoltre mill-provi jidher li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu l-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni differenti u ċioe FBY-661.

In effett jirrizulta li bejn il-partijiet fil-kawża kien sar bejgħ ta' xarabank u li l-attur ikkonferma li huwa akkwista xarabank waħda biss mingħand il-konvenut. Din il-Qorti, pero', ma tistax tippresumi illi l-vettura indikata fic-citazzjoni mill-attur hi l-vettura FBY-661 li jidher li hi fil-pussess ta' bin il-konvenut.

In oltre, jingħad illi li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talbiet tal-attur, kif għamlet din il-Qorti (diversament presjeduta) preċedentament u ċioe fit-30 ta' Marzu 1995, tkun qiegħda tordna l-immissjoni tal-pussess tal-vettura mitluba fiċ-ċitazzjoni tal-attur meta din hi vettura li mhux fil-pussess tal-konvenut u hija vettura ta' tip iehor cioe' taxi u hi differenti minn dik li dwarha jittratta l-mertu tal-każ cioe' xarabank. Għal dawn ir-raġunijiet, it-talbiet tal-attur ma jistgħux jiġu akkolti.

Ghal dawn ir-ragunijiet:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut u konsegwentement u fit-tieni lok billi tichad it-talbiet tal-attur.

Bl-ispejjeż kollha jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------